Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 748/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Degabriele u l-istess Joseph Degabriele**

**vs**

**Cristino Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2004 fejn intqal illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm302.75) u dana in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin u erba' u tletin centezmu (Lm311.34) lis-socjeta' attrici assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) lill-attur, rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-**


Qrati tal-Gustizzja

**numru EBG -257 fid-19 ta' Ottubru, 2002 gewwa l-Fgura habat mal-vettura numru JAC 574 propjeta' ta' Joseph Degabriele u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Novembru 2003 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u tal-parir Lm17.50. Bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-23 ta' April, 2004 fejn intqal illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort tal-attur Joseph Degabriele, li kien qed isuq il-vettura JAC 574, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Joseph Degabriele; u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 1382 Joseph Agius, Cristino Abela, Joseph Degabriele. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet f'Olaf Palme Street, Fgura kantuniera ma' Triq il-Velleran bejn il-vettura JAC 574 misjuqa mill-attur u l-concrete mixer EBG 257 tal-konvenut. L-incident sehh fid-19 ta' Ottubru, 2002.**
**2. Jirrizulta illi l-konvenut kien bil-concrete mixer fit-Triq Olaf Palme fuq ix-xellug tat-triq ezatt qabel l-istop sign li taghti ghal Triq il-Velleran. Joseph Degabriele kien gej fl-istess direzzjoni u peress li ra l-concrete mixer wieqaf bil-crane warajh huwa mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, cioe' fuq dik il-parti li jigi t-**

**traffiku mid-direzzjoni opposta sabiex jissorpassa l-istess concrete mixer biex johrog fit-triq principali.**

**3. Skond l-attur meta wasal biswit il-quddiem tal-mixer huwa waqaf, paqpaq il-horn u xeghel l-indicator u kif beda hiereg il-concrete mixer saq u dahal fin-nofs tal-vettura tieghu.**

**4. Cristino Abela jghid li kien wieqaf hdejn l-istop sign u li xeghel l-indicator biex jdur fuq il-lemin. Huwa nnota li t-truck tieghu huwa left hand drive. Beda miexi bil-mod u hass it-thaxwix mar-rota, li kienet il-habta.**

**5. L-attur qed ighid illi l-concrete mixer kien qed jahdem, tant li semgha l-hoss tal-magna. Il-konvenut qed jichad dan u jghid illi kienu naddfu u kien lest biex isuq.**

**6. It-Tribunal jinnota illi l-vettura li kien qed isuq il-konvenut hija kbira, apparti li hija left hand drive, u ex admissis, jekk tidhol karozza tahtu lanqas ma jaraha.**

**7. Mill-provi mismugha hemm divergenza fil-verzjonijiet illi taw il-partijiet u t-Tribunal hu propens li jaccetta l-fatt illi z-zewg sewwieqa kienu bdew mexjin fil-mument illi grat il-kollizzjoni. Jirrizulta in oltre illi l-attur ghamel manuvra azzardata meta mar fil-karreggjata opposta u ma ntebahx illi l-konvenut kien ser jibda miexi. Fl-istess sens kien hemm nuqqas ta' diligenza da parti tal-konvenut illi, bil-limitazzjonijiet li tippermettilu l-vettura tieghu ma kienx attent sufficjentement ghal dak li kien qed jigri fil-karreggjata l-ohra. Fic-cirkostanzi t-Tribunal qed isib liz-zewg partijiet responsabbli ghall-incident li sehh u dana fi grad ugwali u, stante illi l-quantum tad-danni mhux kontestat, jigi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm151.37).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kif intqal kienu responsabbli z-zewg partijiet fi grad ugwali, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm151.37) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed liri u sebgha u tletin centezmu(Lm101.37), u**

**lill-attur Joseph Degabriele s-somma ta’ hamsin lira (Lm50.00). Bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ din l-istanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------